MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Numru. 458/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Generoso Desira**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Generoso Desira ta' 38 sena, iben George u Carmen nee' Caruana imwieled Zejtun fit-3 ta' Frar 1973 u residenti 21 Triq Tallas, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 177973(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar is-27 ta’ Marzu 2011 ghall-habta ta’ 14.45 pm gewwa Zejtun ikkaguna hsara volontarja fuq vettura ABN 062 ghad-dannu ta’ Clint Agius liema hsara teccedi l-Euro 116.47 izda ma teccedix il-Euro 1164.69

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Clint Agius ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentiali u indipendenti mill-volonta tal-hati.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura AAP 129 tal-ghamla Kia b’manjiera perikoluza u traksurata.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lil Clint Agius biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta tieghu.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

Sar ricediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-20 ta’ Jannar 2012 (inserita a fol. 90 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
fl-Artikoli 41(1)(a), 216, 218(1)(a), 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
fl-Artikoli 15(1)(a), 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
fl-Artikoli 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
fl-Artikoli 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
fl-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-26 ta’ Jannar 2012, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali maghmula mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fis-27 ta’ Marzu 2011  ghall-habta ta’ 14.45hrs fiz-Zejtun fejn allegatament giet kagunata hsara volontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABN 062 propjeta’ ta’ Clint Agius minn vettura gejja mid-direzzjoni opposta liema vettura kienet misjuqa mill-imputat Generoso Desira. L-incident sehh f’passagg fl-eghlieqi u gie allegat li l-imputat kien prova jikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta Clint Agius u li huwa saq il-vettura tieghu b’manjiera perikoluza u traskurata u li bl-agir tieghu ikkaguna lil Clint Agius biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu.

Clint Agius li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta’ April 2011 qal li fid-data, lok u hin in dizamina huwa kien qieghed gewwa Triq il-Wied fiz-Zejtun u l-vettura tieghu kienet parkeggjata f’passagg meta ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta bin-numru tar-registrazzjoni AAP 129 misjuqa mill-imputat Generoso Desira. Meta ra din il-vettura Agius jghid lli mar sabiex jaghlaq il-mera tal-vettura tieghu tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru ta’ registrazzjoni ABN 062 u waqt li kien hdejn il-vettura tieghu sabiex jaghlaq il-mera innota li l-imputat zied il-velocita’ tal-vann tieghu sabiex jipprova jtajru izda minflok laqghet il-karozza tieghu. Clint Agius qal li huwa kellu jitrassas mal-karozza tieghu u b’hekk inqabad bejn il-karozza u l-vann tal-imputat. Clint Agius cempel lill-

missieru Godwin Agius sabiex imur jaghmel rapport l-Ghassa fuq dak li gara. Meta Godwin Agius mar jaghmel ir-rapport l-Ghassa taz-Zejtun u waqt li kien qieghed hemm rega’ cempel it-tifel tieghu Clint Agius fejn qallu li Generoso Desira kien qed jargumenta mieghu. Godwin Agius ghadda l-mobile tieghu lill-Pulizija sabiex huma jisimghu x’kien qieghed jinghad. Clint Agius kompla jghid li ftit wara l-accident, Generoso Desira rega’ tela’ bil-pass ghalih fejn nqala’ argument bejniethom. Clint Agius prezenta ricevuta tal-hsara fil-vettura tieghu fl-ammont ta’ 265 Euro. Meta xehed f’dawn il-proceduri PC 650 Justin Tabone waqt l-udjenza tas-7 ta’ Ottubru 2011 huwa qal li sema’ kommozzjoni u dagha fuq il-mobile minhabba li kien hemm argument ghaddej bejn Clint Agius u Generoso Desira. Huwa kompla jghid li wara ra hsara fil-vann tal-imputat fuq in-naha tax-xellug ta’ quddiem u fuq in-naha tax-xellug mac-cappetta tal-kaxxa tal-vann. PS 827 Edward Grech[1] qal li meta nizel fi Triq il-Wied gewwa z-Zejtun minhabba dak li kien irraporta Clint Agius fuq il-kaz huwa kellem lill-imputat Generoso Desira fejn dan qal li kien laqat il-karozza ta’ Clint Agius izda cahad li huwa kien saq ghal fuqu kif kien qieghed isostni Clint Agius. PS 827 Edward Grech osserva li kien hemm daqqa fuq il-vettura ta’ Clint Agius tal-ghamla Hyundai Accent fuq in-naha ta’ quddiem in-naha ta’ wara tal-mudguard fuq wara tax-xufier. Waqt li fuq il-vann li kien misjuq minn Generoso Desira kien hemm daqqa fuq ic-cappetta fuq in-naha tal-kaxxa ta’ wara fejn gibed il-vettura ta’ Clint Agius. Dan ix-xhud qal li fuq in-naha l-ohra il-vann tal-imputat kellu xi daqqiet ukoll fejn qabad il-hajt tas-sejjieh.

L-imputat Generoso Desira ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri[2] fejn huwa nnega li b’xi mod prova jsuq ghal fuq Clint Agius. Huwa qal li ghandu l-eghlieqi gewwa Triq il-Wied fiz-Zejtun fejn hemm ukoll eghlieqi ta’ Godwin Agius, missier Clint Agius. Huwa kompla jghid li huwa ghandu kwistjonijiet civili minhabba dritt ta’ passagg ma Godwin Agius u spjega li dakinhar tal-incident kellu l-vann ipparkjat fl-isqaq (fejn fir-ritratt minnu esebit gie immarkat

[1] Li xehed f’dawn il-porceduri waqt l-udjenza tal-15 ta’ April 2011.
[2] Huwa xehed waqt l-udjenza tal-11 ta Mejju 2012

A). Kien hemm vettura ohra pparkjata izda din giet wara li huwa diga' kien qieghed hemm. Meta gie sabiex johrog mill-isqaq ra vettura ohra pparkjata li kienet ta' Clint Agius (fir-ritratt esebit giet immarkata li kienet fil-post H). Huwa waqaf ghax ma setghax jghaddi u ra lil Clint Agius bil-qeghda fuq l-ghatba tal-bieb fejn hemm pjanca hierga mis-saqaf (hekk kif jidher mir-ritratt). Peress li huwa ma jitkellimx ma' Clint Agius, daqq il-horn sabiex ikun jista' jghaddi minhabba li kif kienet ipparkjata l-karozza ta' Clint Agius ma setghax jghaddi. Minflok Clint Agius dahal fil-kamra u meta hareg mar bil-qeghda u ma nehhiex il-karozza tieghu. L-imputat jghid li huwa prova jghaddi bil-vann u laqat il-hajt tas-sejjieh fuq il-bieba tax-xellug. Huwa kompla jghid li huwa jitla' b'lura ghax m'hemmx fejn iddawwar ghax l-isqaq huwa dejjaq. Huwa johrog bil-quddiem izda jitla' b'lura sabiex jigi gewwa l-ghalqa tieghu. L-imputat kompla jghid li ma ndunax mill-ewwel li laqat il-vettura ta' Clint Agius u li meta tela' lura bil-miexi minhabba li nizzel il-vann aktar 'l isfel hu ltaqa' ma' Clint Agius fejn il-bieb. Meta rah Clint Agius kelmu mhux xieraq u beda' jghidlu li laqatlu l-karozza u beda jghajru. Huwa ma rax hsarat fuq il-vann tieghu li gew kagunati minhabba d-daqqa mal-vettura. Huwa kompla jghid li ma kienx minnu li Clint Agius kien mal-karozza meta huwa ghaddha minn maghha.

Ikkunsidrat:

<u>**L-Artikolu 41(1)(a), 216, 218(1)(a), 218(1)(b) tal-Kap 9.**</u>

Illi dina l-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament differenti minn xulxin. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-imputat jigi dikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru,** 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju.

Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** gie ritenut li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat

huma veri. Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** fid-9 ***ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kongliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Fil-kaz odjern din il-Qorti trid tifli minn dak li qalu d-diversi xhieda u tara c-cirkostanzi kollha tal-fatti li ghandha quddiemha sabiex tasal ghal sejbien ta' htija o meno tal-imputat.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta' PS 827 Edward Grech jirrizulta li kien hemm daqqa fuq il-vettura ta' Clint Agius fuq in-naha ta' quddiem in-naha ta' wara tal-mudguard fuq wara tax-xufier filwaqt li fuq il-vann tal-imputat kien hemm daqqa fuq ic-cappetta fuq in-naha tal-kaxxa ta' wara fejn gibed il-vettura ta' Clint Agius. Fuq in-naha l-ohra tal-istess vann gew innutati xi daqqiet ukoll fejn il-vann qabad il-hajt tas-sejjieh. Clint Agius qal li meta kien sejjer jaghlaq il-mera tal-vettura tieghu, l-imputat bil-vann zied il-velocita' tant li huwa spicca maqbud bejn il-karozza tieghu u l-vann. Il-Qorti jidrilha li din il-verzjoni moghtija minn Clint Agius ma tistghax titwemmen ghaliex id-dinamika tal-incident u l-hsara li garbu l-vetturi jidher b'mod car li l-vann tal-imputat kellu jhokk mal-hajt tas-sejjieh sabiex jghaddi. Dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex sostnih l-imputat izda anki ghaliex minn dak li qal PS 827 jirrizulta li kien hemm hsarat fuq iz-zewg nahat tal-vann tal-imputat. Li kieku l-verzjoni ta' Clint Agius kienet tirrifletti l-verita' u cioe' li huwa nqabad bejn iz-zewg vetturi, l-hsara li ghandha l-vettura fuq il-mudguard tindika li Clint Agius kien ikun sporgut aktar 'l barra mill-mudguard tal-vettura u ghalhekk zgur li kien jintlaqat mill-imputat. Il-Qorti ma tistghax tifhem kif l-imputat seta' saq ghal fuq Clint Agius u ma

laqtux meta dan kien qieghed jipprova jaghlaq il-mera tal-vettura tieghu meta intlaqat il-mudguard tal-vettura. Ghal din ir-raguni l-Qorti mhux ser issib lil-imputat hati tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti teighu.

**<u>L-Artikolu 251B tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi l-Avukat Generali indika wkoll li tista' tinstab htija taht l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

***251B.*** *(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*

Illi Clint Agius qal li li l-imputat qallu li kien ser jiskarna kemm lilu kif ukoll lill-missieru. Dan kien l-unika kliem li semma Clint Agius f'dak li qal Generoso Desira waqt l-argument li kellu mieghu. Illi l-elementi ta' dan ir-reat gew trattati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** (deciza mill-Imhallef V. Degaetano fl-24 t'April 2009) fejn intqal hekk :

*"Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:*

*"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

*L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:*

*"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"*

*Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta'* ***Blackstone's Criminal Practice, 2008****:*

***"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"***

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini talimsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u*

*bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)."*

Illi fil-kaz odjern mid-deposizzjoni ta' Clint Agius jidher li din kienet okkazzjoni wahda u mhux kif gie ritenut fil-kawza msemmija hawn fuq li kien hemm xi course of conduct. Ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati tar-raba'(4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

**<u>L-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi fir-rigward tal-ewwel(1) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat din il-Qorti taqbel mat-tezi tad-Difiza dwar il-fatt li mill-provi ma jirrizultax li kien hemm volontarjeta' da parti tal-imputat li jikkaguna hsara fil-vettura ta' Clint Agius. Fil-fatt jidher bic-car li l-hsara kagunata kienet f'genb tal-karozza u cioe fuq il-mudguard ta' wara man-naha tax-xufier. Li kieku kien hemm l-intenzjoni li ssir il-hsara zgur li l-imputat kien jaghmel mezz sabiex imiss il-genb kollu tal-vettura ta' Agius u mhux jolqot biss l-ahhar parti tal-istess vettura. Meta wiehed imbaghad iqis li l-imputat ghamel hsara fuq iz-zewg nahat tal-vettura tieghu stess meta prova jaghmel manuvra halli jkun jista' jghaddi b'tali mod li laqat anki l-hajt tas-sejjieh wiehed jifhem li l-manuvra maghmula mill-imputat kienet intiza sabiex huwa jipprova jghaddi u mhux sabiex jaghmel hsara fil-vettura ta' Agius. Illi jidher li kien biss meta huwa kien kwazi rnexxielu jghaddi kompletament li laqat il-vettura ta' Agius. Ghaldaqstant dina l-Qorti mhux ser issib lil-imputat hati li kkaguna hsara volontarja izda ser issibu hati li kkaguna hsara nvolontarja.

**<u>L-Artikoli 15(1)(a), 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Illi tenut kont ta' dak li ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti l-Qorti trid issa tara jekk fil-fatt is-sewqan tal-imputat kienx wiehed traskurat, bla kont jew inkella perikoluz. Issir referenza ghal dak li qalet il-**Qorti tal-Appell Kriminali** preseduta mill-Imhallef V. Degaetano (**6 ta' Mejju 1997**) fejn saret distinzzjoni bejn sewqan

traskurat, sewqan bla kont u sewqan perikoluz. Illi din il-Qorti qalet:-

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fl-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku bhala sewqan bi traskuragni kbira. Din it-tieni ipotest, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht it-tnejn jew aktar [...]. Ghal finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/1996)"***

Fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat saq b'mod traskurat u negligenti meta prova jghaddi minn spazju ristrett meta messu nduna li ma setghax jghaddi minghajr ma jikkaguna hsara kemm fil-vettura tieghu kif ukoll fil-vettura l-ohra li kienet qed tostakolalu l-passagg. Fil-fehma tal-Qorti izda dan is-sewqan zgur li ma jistghax jitqies li kien sewqan perikoluz jew bla kont. Dan qieghed jinghad ukoll

fid-dawl ta’ dak li diga’ ntqal qabel dwar l-imputazzjoni tal-attentat ta’ griehi gravi.

**L-Artikolu 339(1)(e)**

Illi mix-xhieda li ta PC 650 Justin Tabone, jidher bic-car li huwa sema’ biss kommozzjoni u dagha pero’ fl-ebda hin ma qal min kien qieghed jghid dan il-kliem li kien qed jisma’ min fuq it-telephone. Kien biss Clint Agius li semma x’qal l-imputat u cioe’ li kien ser jiskarna lilu u lill-missieru. Illi tenut kont tal-fatt li f’ebda hin ix-xhud independenti li sema’ l-ghajjat ma ndika li sema’ lill-imputat jghid dan il-kliem il-Qorti jidrilha li ma tistghax tinstab htija ai termini tal-Artikolu 339(1)(e) izda tista’ tinstab htija taht l-Artikolu 338(dd) ndikat mill-Avukat Generali stante li rrizulta li l-imputat kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

**Recidiva taht l-Artikolu 49 u 50.**

Tenut kont li f’dan il-kaz l-imputat qed jinstab hati ta’ hsara involontarja minhabba traskuragni u ta’ kontravenzjoni mhux ser jigi applikat l-addebitu tar-recidiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu tal-20 ta’ Jannar 2012 u senjatament l-Artikoli 328(d), 338(dd) u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati talli minhabba sewqan traskurat ikkaguna hsara nvolontarja fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAP 129 kif ukoll talli kiser il-buon ordni u paci pubblika b’ghajjat u glied u tikkundannah multa ta’ mitejn u tletin Ewro (€230). Il-Qorti tiddikjarah mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------